**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Gunju 2025**

**<u>Rikors guramentat nru: 3/2024 AGV</u>**

**DBB**

vs

**AMK**

**Il- Qorti,**

**Rat ir- Rikors ġuramentat ta' DBB** fejn ippremettiet is-segwenti:-

1. Illi l-attriċi u l-konvenut kellhom relazzjoni bejniethom u minn din ir-relazzjoni nhar il-31 ta' Ottubru, 2006 twieled il-minuri Deyan (**Dok. A**).

2. Illi r-relazzjoni li l-attriċi kellha mal-konvenut intemmet f'Awwissu tas-sena 2013, u minn dakinhar il-quddiem l-attriċi u l-konvenut bdew jirrisjedu f'residenzi separati.

3. Illi minn dakinhar, il-minuri D M K baqa' dejjem jirrisjedi mal-attriċi u l-konvenut qatt ma ħallas flejjes għal minuri u dan nonostante li r-rikorrenti kienet u għadha qed tinkorri fi spejjeż inġenti sabiex tipprovdi għal-għixien tal-minuri oltre li ħallset l-ispejjeż kollha in konnessjoni mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess minuri.

4. Illi b'digriet mogħti mill-Onrabbli Qorti fit-12 ta' Ottubru, 2023 fl-atti tal-medjazzjoni fl-ismijiet **DB B vs AMK** (Ittra Nru: 1064/23), il-konvenut ġie ordnat iħallas lill-attriċi manteniment ta' mhux inqas mis-somma ta' mitejn u għoxrin euro (€220) kull erba' gimgħat bil-quddiem għall-istess minuri, oltre nofs l-ispejjeż kollha in konnessjoni mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess minuri (**Dok. B**).

5. Illi sal-lum il-konvenut għamel biss ħlas wieħed tal-manteniment ordnat mill-Onorabbli Qorti fl-ammont ta' mitejn u għoxrin euro (€220), u cioe' dak relattiv għax-xahar ta' Novembru tas-sena 2023.

6. Illi in oltre il-konvenut naqas u għadu inadempjenti fl-għoti tal-manteniment għall-minuri DMK minn Awwissu tas-sena 2013 sa Ottubru tas-sena 2023.

7. Illi *ai termini* tal-artikolu 3B, il-ġenituri għandhom ikomplu jmantnu lill-uliedhom sal-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena meta dawn ikunu qegħdin isegwu kors ta' studju '*full time'* u ma jkunx ragjonevolment possibbli għalihom li jmantnu lilhom infushom kif xieraq.

8. Illi l-minuri DMK qiegħed jattendi kors *full-time* ġewwa l-MCAST u cioe' Diploma in Business Management in Commerce, liema kors ghandu durata ta' erba' snin.

9. Illi għalhekk din il-kawża qegħda ssir sabiex jiġi stabbilit l-obbligu tal-konvenut bħala missier il-minuri DMK li jikkontribwixxi lejn il-manteniment tiegħu.

10. Illi l-attriċi bdiet proċeduri ta' medjazzjoni għal dan l-iskop pero' ma ntlaħaqx ftehim bejn il-partijiet u għalhekk l-istess proċess ingħalaq u l-partijiet ingħataw id-dritt li jintavolaw l-odjerna proċedura (**Dok C**).

11. Illi kien minħabba f'hekk illi hija kellha tagħmel dawn il-proċeduri.

12. Illi għal kull buon fini qiegħed jiġi ddikjarat li bi ftehim bejn il-partijiet il-konvenut jeżerċita aċċess liberu lejn ibnu, u ilu jagħmel dan għal diversi snin.

13. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-attriċi titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. TIDDIKJARA li l-kura u l-kustodja tal-minuri DMK għandha tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi.

2. TIDDIKJARA li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi manteniment għal binhom DMK , kif ukoll nofs l-ispejjeż kollha li l-attriċi għamlet għar-rigward il-minuri DMK , u dan għall-perjodu kollu li ilu jirrisjedi magħha, jew għal kull perjodu ieħor stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

3. TILLIKWIDA l-ammont hekk dovut, anke bl-għajnuna ta' periti nominandi, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-ammont hekk likwidat.

4. TIDDIKJARA li l-konvenut għandu, u konsegwentement tordnalu sabiex, iħallas lill-attriċi manteniment għal minuri D skont il-liġi, li għandu jiżdied skont l-għoli tal-ħajja sakemm D MK jagħlaq l-eta ta' tlieta u għoxrin sena jew jispiċċa mill-istudji tiegħu *full time*, skont liema minn dawn l-eventwalitajiet tavvera ruħha l-ewwel.

5. TIDDIKJARA li l-konvenut huwa obbligat, u konsegwentement tordnalu, sabiex iħallas nofs l-ispejjez mediċi, nofs l-ispejjeż

edukattivi u extra-kurrikulari kif ukoll nofs l-ispejjez l-oħra kollha involuti mal-minuri D.

BL-ISPEJJEŻ, kompriżi dawk inkorsi fil-proċeduri ta' medjazzjoni kontra l-konvenut illi huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**Fatti**

1. L-attrici tispjega li kellha relazzjoni mal-konvenut li damet sa Awissu, 2013 u minn dina r-relazzjoni kellhom tifel D. Tghid li minn dakinhar li temmew ir-relazzjoni taghhom bdew ighixu separati.

   Peress li l-minuri kien baqa' jghix maghha u dak iz-zmien kien ghad ghandu sitt snin, kienet talbet lill-konvenut sabiex jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu u rrifjuta li ghamel dan u kien dam xi tlett snin ma jarax lil ibnu. Meta D ghalaq disa' snin kien talab li jiltaqa' lil missieru u ghalhekk l-attrici kienet ghamlet kuntatt mieghu u minn dakinhar il-konvenut kien beda jiġbor lit-tifel darba fil-gimgha u kien ghadu jaghmel hekk sallum.

   Sadanittant kienet titlob lill-konvenut sabiex jikkontribwixxi lejn l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha li kienet qed taghmel u ghalkemm ma kienx imerriha, dawn il-flus qatt ma waslu.

L-attrici tikkonferma ukoll li kienu ghamlu kuntratt mal-Awtorita' tad-Djar fir-rigward tal-appartament bin-numru 1, Entratura Ittra A, Blokk Ittra H, Triq is-Soghda, Naxxar, iżda kellhom problema minhabba nuqqas ta' finanzi u ghalhekk kienu waslu fi ftehim mal-Awtorita' fejn ghamlu kostituzzjoni ta' debitu datat 30 ta' Gunju, 2020 fl-atti tan-Nutar Dr. Dorianne Arapa fejn il-konvenut ikkostitwixxa ruhu bhala debitur veru, cert u likwidu u fl-istess waqt kienet assenjat kwalsiasi dritt li kellha lill-konvenut fuq l-istess appartament.

Madanakollu, tispjega li l-konvenut ma kienx ghamel dawn il-pagamenti kollha u kellha sahanistra tippreżenta ittra uffiċjali 2368/2020 sabiex ihallas l-ammont dovut minnu u kien ghamel xi pagamenti sussegwentement.[1]

L-attrici tammetti li hija soddisfatta bl-ammont ta' manteniment iffissat minn dina l-Qorti b'digriet taghha tat-12 ta' Ottubru, 2023 fejn il-konvenut gie ordnat ihallas is-somma ta' €220 kull erba' ġimghat, iżda qed tippretendi li dan l-ammont ghandu jikkomprendi ukoll il-perjodu bejn Awissu 2013 meta telqu lil xulxin sa Ottubru, 2023 meta nhareg dan l-imsemmi digriet. Tikkalkola li dan jammonta ghal €24, 309.66.

Ma' dan l-ammont ghandhom jiżdiedu ukoll l-ispejjes tas-sahha u edukazzjoni.

L-attrici tkompli tispjega li t-tifel D  ghandu l-kundizzjoni tal-ADHD u hemm il-htiega li jiehu l-medicina Concerto

[1] Dok. A anness mal-affidavit tal-attrici.

regolarament u fl-okkazzjonijiet fejn dina l-medicina mhux disponibbli fl-istock list li jipprovdi l-Gvern, ikollha tmur tixtriha hi minn butha u din tqum cirka €80 kull darba.

L-attrici zzid tghid li ma' dawn l-ispejjes kienet thallas ukoll l-ispejjes edukattivi tat-tifel, li ghalkemm kien jattendi skola tal-Gvern kellha thallas ghall-istationery, privatijiet u meta t-tifel kien qorob sabiex jaghmel l-O'Levels kienet inkarigat *teacher* li kienet tmurilha d-dar darba fil-gimgha sabiex tghinu fl-istudju u kienet iżżomm €8 is-siegha u dan ghall-perjodu bejn Settembru 2020 sa Gunju, 2021 u b'kollox kienet hallset €256.

Tispjega li llum it-tifel qieghed jattendi kors l-MCast ta' erba' snin fil-Business & Management li minnhom s'issa lesta sentejn u dan sakemm ippreżentat l-affidavit taghha f'Settembru, 2024.

Inoltre tghid li t-tifel D kien ilu jattendi n*ursery* tal-futbol minn mindu kellu seba' snin  u dejjem hallset il-mizata li kienet tammonta ghal cirka €250 fis-sena li b'kollox jammontaw ghal €2, 500.

Fl-ahharnett, l-attrici tikkonferma li mit-12 ta' Ottubru, 2023, il-konvenut kien hallas biss zewg retti alimentari.

Dwar l-introjtu taghha, l-attrici llum tahdem bhala *Learning support Educator* u ppreżentat l-FS3 taghha ghas-sena 2023, fejn ukoll ghax-xhur tas-sajf kellha impjieg *part-time*. Fil-

prezent tikkonferma ukoll li qed tahdem *part-time self-employed hairdresser*.[2]

Bhala dejn l-attrici thallas l*oan* mal-Bank of Valletta fl-ammont ta' cirka €160 fix-xahar u bhala spejjes ta' kuljum ghandha cirka €300 fix-xahar.

**Konsiderazzjonjiet**

**L-ewwel Talba**

L-ewwel talba giet ceduta u dan stante li fil-mori tal-proceduri t-tifel D  sar maggorenni.

**It-Tieni talba**

F'dina t-talba l-attrici qed titlob zewg affarijiet u cioe:-

**i) li l-konvenut jiġi ordnat ihallas lill-attrici manteniment ghal binhom D**

**Manteniment**

L-artikolu 3B tal-Kap.16 tal-Kodici Civili jikkontempla li

[2] Doks. DBB1 – DBB 4

(***i*) Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewwgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied**."

L-artikolu 7 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla ukoll illi ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-Artikolu 3 B."***

Inoltre, il-Qrati taghna dejjem irritenew li l-obbligu tal-manteniment ghall-minuri huwa obbligu assolut. Fis-sentenza fl-ismijiet **Tiziana Caruana vs Redent Muscat Rik. Nru. 272/2018 deciza fl-24 ta' Gunju, 2019,** gie ritenut ***" Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-genituri ma jistghux jabdikaw mir-responsabbilita' taghhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu taghhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull genitur ghandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tieghu huma baxxi jew jinsab dizokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taccetta li persuna ggib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilita' taghhom fuq il-genitur l-iehor jew inkella fuq l-istat."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Martina Galea vs Mario Galea** deciza fil-31 ta' Jannar, 2019, hu relevanti dak li qalet il-Qorti ***"Il-manteniment ghat-tfal, fil-verita' izjed milli dritt ta' genitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx imcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja ta' llum tikkunsidra bhala necessita' ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom."***

Fis-sentenza **Alexia Meilak vs Emanuel Piscopo** Rik. Nru. 101/2021 deciza fis-26 ta' Jannar, 2023, il-Qorti kkunsidrat hekk:-

***“naturalment dawn il-qrati dejjem fehmu illi huwa stat ta’ fatt li l-genitur li mieghu jkunu qedghin jirrisjedu t-tfal, xi ftit jew wisq ikun illimitat fil-kapacita’ tieghu ta’ dak il-genitur li jiggenera ntrojtu li jixtieq.”***

B’digriet ta’ dina l-Qorti tat-12 ta’ Ottubru, 2023, il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ghall-minuri s-somma ta’ €220 kull erba’ ġimghat kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Ghandu jiġi rilevat illi kemm l-attrici qablet ma’ dan id-digriet, kif ukoll il-konvenut permezz ta’ nota datat 15 ta’ Lulju, 2024, li giet ippreżenta fl-atti odjerni, iddikjara li minkejja l-mezzi limitati tieghu qed jaqbel mal-ammont ta’ manteniment likwidat u ordnat li jithallas.

Stante l-fatt li t-tifel, llum maggorenni ghadu qed isegwi kors tal-Business and Management l-MCast, dan l-obbligu ta’ hlas ta’ manteniment ghandu jibqa’ jithallas sakemm it-tifel jaghlaq 23 sena, diment li t-tifel ikun ghadu qed jistudja fuq bażi full-time, ghaliex l-istess attriċi ammettiet li t-tifel gia’ kien qieghed fit-tieni sena tal-istudji tieghu minn kors ta’ erba’ snin.

**<u>Arretrati ta’ Manteniment mid-data tat-Twelid</u>**

**(ii) Li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici manteniment u nofs l-ispejjes li ghamlet ghal binhom D u dan ghall-perjodu kollu li ilu jirrisjedi maghha jew ghal kull perjodu iehor stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti**

Stabbilit li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi lejn il-manteniment ta' ibnu minuri, dina l-Qorti trid tikkunsidra jekk tali obbligu ta' hlas ta' manteniment ghandux jigi effettwat minn Awissu, 2013 meta telqu lil
#
xulxin.

L-attrici qed tippretendi li tithallas manteniment ghat-tifel D lura minn Awissu, 2013 meta l-partijiet telqu lil xulxin kif ukoll ghall-ispejjes li ghamlet u minn dakinhar isostni li l-konvenut qatt ma kkontribwixxa lejn il-manteniment ta' ibnu.

Il-konvenut joġġezzjona ghal dan stante li jinsisti li ma kienx debitur taghha fl-ebda ammont u dejjem tah il-kontribuzzjonijiet tieghu.

Minkejja li l-Qorti ordnat lill-partijiet jippreżentaw dikjarazzjoni tad-dhul taghhom, flimkien ma' spejjez tal-hajja u ordnat illi l-partijiet jippreżentaw dikjarazzjoni qasira bhala proposta dwar kura u kustodja tat-tifel minuri, aċċess ghall-istess tifel u manteniment pagabbli flimkien mal-ispejjez ghat-trobbija tieghu.

Minkejja saru diversi verbali fejn il-Qorti giet infurmata li l-partijiet kienu waslu ghall-ftehim, l-ebda abbozz ta' ftehim gie ppreżentat u l-Qorti ordnat li tghaddi ghas-sentenza.

Kienet biss l-attrici li ppreżentat sadanittant, dak rikjest mill-Qorti kif suespost u b'digriet taghha tat-22 ta' Mejju, 2024. Gialadarba, l-konvenut, li kellu kull opportunita li jottempera ruhu ma' dan id-digriet, naqas li jaghmel dan, ser tikkunsidra t-talbiet tal-attrici in

kwantu jirrigwarda l-arretrati ta' manteniment u spejjes li qed titlob li tiġi rifuza nofshom minghand il-konvenut.

Qabel mal-Qorti tiddeċiedi fuq dina l-kwistjoni pero' trid tiddetermina l-eccezzjoni tal-konvenut in kwantu eccepixxa l-preskrizzjoni kwinkwennali skond l-artikolu 2156(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni</u>**

Stabbilit li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi lejn il-manteniment ta' ibnu minuri, dina l-Qorti trid tikkunsidra jekk tali obbligu ta' hlas ta' manteniment ghandux jigi effettwat minn Awissu, 2013 meta telqu lil xulxin jew jekk dina t-talba hix preskritta.

Fil-kawza Rikors Nru. 51/2018, fl-ismijiet **Charmaine Cauchi vs David Spiteri** deciza fit-18 ta' Jannar, 2022, il-Qorti rriteniet is-segwenti:-

"***Gialadarba hija l-ligi stess li tipprovdi l-eccezzjoni kontra r-regola generali li d-dekors taz-zmien jestingwi l-azzjoni, il-Qorti ghandha s-setgha, anzi d-dmir, illi tqanqal u tapplika hija stess, anke in mankanza tal-opposizzjoni espress tal-parti attrici, il-posizzjoni legali korretta meta din tigi riskontrata fil-provi akkwiziti fl-atti. Dan fuq l-iskorta tad-dottrina kostanti in materja li tirritjeni illi, minhabba n-natura odjuza tal-preskrizzjoni, dan l-istitut ghandu jigi applikat bl-iktar mod restrittiv u fil-kamp civili l-Qorti m'ghandhiex testendi l-applikazzjoni tal-eccezzjoni***

***b'mod generiku u minghajr qies ghar-regola dwar il-preskrizzjoni."***

Illi ghalhekk fil-kaz odjern, li l-preskrizzjoni ma timxix "***bejn il-genitur u t-tifel li hu taht is-setgha tal-genituri."*** Fis-sentenza **Amanda Briffa pro.et.noe. vs Stephen Fenech Rik. Nru. 4/11** il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi "***Ghalhekk mid-data tat-twelid tal-minuri sad-data tas-sentenza permezz ta' liema l-konvenut gie zvestit mis-setgha ta' genitur, u cioe' t-28 ta' Jannar, 2010, l-ebda preskrizzjoni ma kienet dekorribbli fir-rigward tal-hlas tal-manteniment ta' iben il-partijiet."***

Jirrizulta ghalhekk li l-attrici qed tezercita din it-talba ghall-manteniment ghan-nom tat-tifel, illum maggorenni. Kif tghid dina l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Charmaine Cauchi vs David Spiteri deciza fit-18 ta' Jannar, 2022:-**

" ***…Dan id-dritt huwa azzjonabbli mill-ulied fil-konfront tal-genitur li huwa d-debitur tal-obbligazzjoni u fil-kaz odjern huwa ukoll espressament moghti lill-attrici d-dritt ghall-azzjoni ghall-hlas tal-istess manteniment. Madanakollu, kif gia' stabbilit, il-preskrizzjoni ma timxix bejn il-minuri u l-genitur u lanqas bejn il-mizzewwgin. Ghalhekk irrispettivament minn liema ottika wiehed ihares lejn l-obbligu tal-konvenut ghall-hlas tal-manteniment u lejn id-dritt korrispondenti ghall-hlas tal-manteniment, jibqa' l-fatt li l-preskrizzjoni ghall-azzjoni ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment kontra l-konvenut, kemm bhala l-genitur ta' uliedu minuri obbligat ghall-manteniment***

***taghhom, kif ukoll bhala l-attrici ghandha d-dritt tircievi l-hlas ghan-nom ta' uliedha, hija sospiza u ma timxix."***

"***Fi kliem iehor, il-preskrizzjoni tibda miexja kontra l-istess ulied mid-data meta jaghlqu l-eta' maggorenni in kwantu ghall-manteniment lilhom dovut…Il-preskrizzjoni midija u sospiza, tissokta timxi minnufih li tispicca r-raguni tas-sospenzjoni taghha."***[3]

Konsegwentement, peress li meta giet ipprezentata dina l-kawza, it-tifel kien ghadu minuri, it-talba ghall-hlas ta' arretrati ta' manteniment ma tistax titqies preskritta.

Inoltre, il-Qorti tifhem li huwa difficli li l-attrici tipproduci l-ircevuti kollha fuq l-infiq fuq il-minuri minn Awissu, 2013 u cioe' d-data meta l-partijiet telqu lil xulxin, certament dak iz-zmien meta t-tifel kien ghadu tarbija jkun hemm infiq ta' hafna bzonnijiet ghat-tarbija, halib, hrieqi, medicini ecc, imbaghad aktar ma kiber hemm l-ispejjes relatati mal-edukazzjoni tieghu, kif ukoll bzonnijiet necessarji tal-hajja ta' kuljum.

Fis-sentenza **AB vs CD Rik. Nru. 132/14 deciza fil-31 ta' Mejju, 2018,** il-Qorti rriteniet illi **"*Ghalkemm l-ircevuti huma importanti, fil-prattika huwa difficli immens ghall-genitur li joqghod jerfa' kull ircevuta rigwardanti l-minuri sa mid-data tat-twelid. Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega hlas dan irid jippruvah u b'hekk indubbjament tezigi li l-parti li taghmel it-talba ghandha tipprova l-kaz taghha. Madanakollu, l-grad ta'***

[3] AB vs CD Rik. Nru. 132.14 deciza fil-31 ta' Mejju, 2018

***prova necessarja fil-kawza fejn si tratta talba ghall-manteniment minghand dak il-genitur li ma jkunx prezenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun bizzejjed ghal dik il-parti li taghmel it-talba ghall-hlas ta' manteniment illi tipprezenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li ghandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rcevuti, liema rcevuti ghandhom jaghtu indikazzjoni tal-hajja li dik il-parti tkun qiedgha taghti lil uliedha, izda l-Qorti ma tarax il-bzonn illi tali parti fil-kawza ghandha tipprezenta kull ircevuta li tinghata kuljum, anke sahansitra ghall-kartuna halib. F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Michelina Bezzina vs Julian Bezzina, fejn gie ribadit illi "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precisament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabilixxi bi precizjoni t-telf subit."***

Mill-31 ta' Ottubru, 2024, bin il-partijiet ghalaq tmintax-il sena u ghaldaqstant bhala maggorenni kellu kull dritt li jitlob manteniment minghand missieru l-konvenut u l-preskrizzjoni tiskatta u ghalhekk it-talba tal-attrici sabiex tithallas nofs l-ispejjes li harget ghat-tifel minn Awissu, 2013, meta telqu lil xulxin sallum in kwantu jirrigwarda l-perjodu minn Novembru, 2024 sallum ma tistax tiġi akkolta. Madanakollu, ghandha tiġi akkolta in kwantu jirrigwarda l-hlas ta' manteniment bejn Awissu, 2013 sal-31 ta' Ottubru, 2024.

Ghalhekk, il-pretensjoni attriċi in kwantu jirrigwarda l-manteniment minn Awissu 2013 sal-31 ta' Ottubru, 2024, kif ukoll nofs l-ispejjes li harget ghall-minuri jikkonsistu fis-segwenti:-

- Il-manteniment ghal dan il-perjodu ghandu jiġi kkalkolat bis-somma kif ordnata minn dina l-Qorti u cioe' s-somma ta' €220 kull erba' ġimghat u ghalhekk tikkalkola li dan jammonta ghal **€24, 309.66.**

  Ma' dan l-ammont ghandhom jiżdiedu ukoll nofs l-ispejjes tas-sahha u edukazzjoni u arbitrio boni viri dina l-Qorti qed tikkalkola li l-konvenut ghandu jhallas €100 kull sena ghall-perjodu bejn Awissu 2013 sal-31 ta' Ottubru, 2024 li jammontaw ghal €1,100.

- Rigward l-ispejjes tal-medicina Concerto minhabba li binhom D ibati minn ADHD, l-attrici naqset li tippreżenta rendikont ta' dawn l-ispejjes, hlief li xi kultant hallset €80 meta l-istess mediċina kienet nieqsa mill-istock list tal-Gvern.

- Indubbjament l-attrici hallset ghall-ispejjes edukattivi li kienu jikkonsistu f'stationery u privatijiet, kif ukoll spejjes ta' meta nkarigat teacher sabiex trawwem lit-tifel D ghall-O'Levels. Dina l-ghalliema kienet tmurilha d-dar darba fil-gimgha sabiex tghinu fl-istudju u kienet iżżomm €8 is-siegha u dan ghall-perjodu bejn Settembru 2020 s Gunju, 2021 u b'kollox kienet hallset **€256**.

- Miżati tal-futbol li kien ilu jattendi D  minn mindu kellu seba' snin u l-attrici tikkalkola li dejjem hallset il-mizata li kienet tammonta ghal cirka €250 kull sena li b'kollox jammontaw ghal **€2, 500.**

- Total - **€24, 309.66. + €1100 + (€256/2 = 128) + 128 + (€2500/2 = €1250) €1250 = €26, 787.66**

Ghaldaqstant, dan l-ammont ta' **€26, 787.66** huwa dovut mill-konvenut.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi :-

1. Tastejni milli tiehu iktar konjizzjoni tal-ewwel talba attriċi stante li giet ceduta peress li llum binhom Deyan huwa maggorenni.
2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tordna li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici manteniment ghal binhom  DMK   u nofs l-ispejjes li hallset l-attrici kif fuq gie deċiż fl-Intestatura "It-Tieni Talba."
3. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-ammont hekk dovut fis-somma ta' €26, 787.66 u tikkundanna lill-konvenut  ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata.
4. Tilqa' r-raba' talba attriċi u tiddikjara li l-konvenut ghandu ihallas lill-attrici manteniment ghat-tifel D  skond il-ligi, li ghandu jiżdied skond l-gholi tal-hajja sakemm  DMK   jaghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena jew jispiċċa mill-istudji tieghu *full-*

*time,* skond liema minn dawn l-eventwalitajiet tavverra ruhha l-ewwel.

5. Tilqa' l-hames talba in kwantu diga' kkonfermat id-digriet taghha tat-12 ta' Ottubru, 2023 u ghaldaqstant tiddikjara li l-konvenut huwa obbligat u tordnalu li jhallas nofs l-ispejjez edukattivi, nofs l-ispejjez tas-sahha, kif ukoll l-ispejjez tal-attivitajiet extra-kurrikulari.

**L-ispejjes ghandhom jiġu ssopportati nterament mill-konvenut.**

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella**

**Cettina Gauci – DEP Registratur**